MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2011

Citazzjoni Numru. 947/2010

**John Bartolo**

**-vs-**

**Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-22 ta’ Settembru 2010 li permezz tiegħu l-attur ppremetta:

1) Illi l-esponenti John Bartolo, magħruf bħala Ivan Bartolo, twieled fid-19 ta’ Ottubru 1969 u ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku bl-isem ta’ ‘John’, u dan kif jidher mill-estratt veru mill-Att tat-twelid tiegħu miżmum fl-Uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku hawn anness u mmarkat bħala Dok A;

2) Illi l-isem oriġinarjament magħżul għalih mill-ġenituri tiegħu ma kienx John imma Ivan, liema isem pero' ma ġiex aċċettat mill-Paroċċa fejn kien mgħammed peress li l-isem kien assoċjat mar-reġim komunista u konsegwentement kellu jiġi reġistrat bl-isem ta' John;

3) Illi l-esponenti minn dejjem kien imsejjaħ u magħruf bl-isem ta' Ivan, kemm fil-professjoni tiegħu fuq il-meżżi tax-xandir, bħala Editur tal-gażżetta *Fuq ix-Xarabank*, f'gażżetti lokali kif ukoll fil-kariga ta' Kunsillier għal-lokalita' tal-Mosta. Dan kollu jirriżulta ampjament ċar mid-dokumenti hawn annessi u mmarkati bħala Dokumenti 'B', 'C', u 'D';

4) Illi anke l-familjari u l-ħbieb tal-istess esponent dejjem sejħulu bl-isem ta' Ivan u dan kif jidher mill-affidavits ta' omm l-esponenti Tereza Bartolo nee' Vassallo (K.I. Nru. 908948M), ta' missier l-esponenti Joseph Bartolo (K.I. Nru 1071945M) u tal-ħabib tal-esponenti Stefan Pierre Debono (K.I. Nru 292772M), liema affidavits huma hawn annessi u mmarkati bħala Dokumenti 'E', 'F' u 'G';

5) Illi dan premess huwa rifless ukoll f'numru ta' dokumenti uffiċjali f'isem l-esponenti, fosthom fil-*Final Settlement System (FSS) (Dikjarazzjoni dwar l-Istatus tal-Payee)* maħruġa mid-Dipartiment tat-Taxxi Nterni, hawn anness u mmarkat bħala Dok 'H', kif ukoll minn *Case Summary* maħruġ mill-Isptar San Luqa ġewwa G'Mangia, hawn anness u mmarkat bħala Dokument 'I';

6) Illi tali inkonsistenza qiegħda tikkawża diffikultajiet prattiċi lir-rikorrenti, u għalhekk huwa għandu interess skond il-liġi, *inter alia ai termini* tal-Artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, li ssir id-debita annotazzjoni fl-Att tat-Twelid tiegħu kif ukoll fl-atti l-oħra kollha tal-ħajja ċivili tal-esponenti.

Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob li, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportun, din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

a) Tiddikjara li hem mil-ħtieġa li ssir annotazzjoni fl-Att tat-Twelid bin-numru ta' iskrizzjoni erbat elef mija u ħamsin tas-sena elf disa' mija disgħa u sittin (4150/1969), fis-sens illi l-isem l-esponenti 'John' jinbidel għal dak ta' 'Ivan', u dan peress ill illi l-istess esponenti minn dejjem kien imsejjaħ bl-isem ta' Ivan;

b) Konsegwentement tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku illi fl-Att tat-Twelid odjern isiru annotazzjonijiet meħtieġa fis-sens illi fil-kolonna "Isem jew ismijiet li bih / bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa l-isem 'John' jiġi kkanċellat u sostitwit bl-isem ta' 'Ivan';

c) Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex dan it-tibdil jiġi rifless f'kull att tal-istat ċivili tal-esponent,

Dan taħt dawk il-provvediment kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun li timponi.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut ippreżentata fid-19 ta' Ottubru 2010, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi preliminarjament, qabel is-smigħ tal-kawża, b'ordni tal-Qorti għandu jiġi ppubblikat avviż fil-Gażżetta tal-Gvern a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi *in limine litis* ukoll, ġjaladarba kif ammess mill-attur stess ma jirriżultax li kien sar żball fir-reġistrazzjoni tal-att tat-twelid tiegħu jsegwi li teknikament huwa ma jistax jitlob korrezzjoni. Għalhekk għall kull bwon fini jekk din l-azzjoni tal-attur hija prospettata taħt id-dispost tal-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jkun ferm aħjar li huwa jitlob għal tiswija fl-att tar-rikors ġuramentat tiegħu biex kull fejn hemm mill-kliem *"korrezzjoni"* jew *"korrezzjonijiet"* dawn jiġu mibdula għal *"annotazzjoni"* jew *"annotazzjonijiet"* rispettivament.

3. Illi subordinatament mingħajr preġudizzju għas-suespost dwar il-mertu jekkx l-attur tul ħajtu kienx verament imsejjaħ u magħruf bħala *"Ivan"* minflok *"John"*, l-esponent naturalment ma huwiex edott minn dawn il-fatti u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero' li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

4. Illi bla ħsara għall-premess dwar it-tielet talba attriċi biex din tkun tista' tintlaqa' l-attur a tenur tal-Artikolu 253 (3) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta għandu jispeċifika n-numru u s-sena tal-atti tal-istat ċivili li hu qiegħed jagħmel riferenza għalihom;

5. Illi dejjem mingħajr ħsara għal dak fuq imsemmi l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tal-attur mhijiex attribwibbli għal xi għemil da parti tal-esponenti u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħed jiġi nġunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits;

Rat illi fl-istess verbal tas-seduta tat-12 ta' Jannar 2011 fejn wara li ġiet milqugħa t-talba għall-korrezzjoni u żieda fl-att promotur, il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed tagħmel din it-talba *ai termini* tal-artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili kif ukoll l-artikolu 92 (2) tal-Kodiċi Ċivili ukoll. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-artikolu 254 saret debitament.

It-talba attriċi hija ġustifikata peress li l-attur minn dejjem kienet magħruf bil-isem Ivan. Naturalment il-konvenut ma jagħtix għal dak illi ġara u ma allura għandux ibati spejjeż.

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet kollha attriċi kif miżjuda u korretti.**

**L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-istess attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------